*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 20

L-Erbgha 4 ta' Novembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Ufficċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea - Sindku
Darlene Vella Zammit – Vici Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

SKUZAT:
Thomas Debattista - Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **20.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 20.1.1 | Il-Kunsilliera prezenti gew infurmati li l-Kunsilliera s-Sur Christian Pace u s-Sur Thomas Debattista ma' kienux se jattendu ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li m' ghandhomx kontroll fuqa. Il-Kunsilliera prezenti ma' sabu l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| 20.1.2 | Il-Kunsilliera prezenti gew infurmati li l-Kunsillier s-Sur Thomas Debattista ma' setghax jattendi ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li m'ghandux kontroll fuqa. Il-Kunsilliera prezenti ma' sabu l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| 20.1.3 | Il-Kunsilliera prezenti gew infurmati li l-Kunsillier s-Sur Ismael Dalli se jattendi ghal-laqgha ftit tard minhabba sitwazzjoni li m'ghandux kontroll fuqa. Il-Kunsilliera prezenti ma' sabu l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. Il-laqgha spiccat fis-7.25pm ghaldaqstant is-Sur Ismael Dalli gie nfurmat li l-laqgha spiccat ghax ma kienx lahaq wasal. |
| **20.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 20.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 19 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 20.2.2 | Is-Sa Anabelle Marmara pproponiet u s-Sur Neil Portelli ssekonda l-minuti tas-Seduta numru 19 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **20.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 20.3.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li l-applikazzjoni sabiex l-isem ta' Triq il-Fieres tinbidel ghal Triq Renzo Gauci intbghatet lill-Awtorita koncernata. |
| 20.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li wara li vverifika mad-Dipartiment tal-artijiet jista' jikkonferma li l-art biswit il-*garage* tal-Kunsill hija devoluta lill-Kunsill Lokali. |
| 20.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti rigward l-ghan u x-xewqa li tinbena binja gdida tal-Kunsill Lokali u tenna li l-Kunsill temporanjament ghandu jzomm saqajh mal-art minhabba progetti varji li se jibdew f'daqqa li huma, Gnien Penza, il-pavimentar tal-Pjazza u Triq Sqajjaq flimkien mar-*Reach Out Centre* li l-Kunsill inaghta kwazi l-massimu tal-fondi ghalih permezz tan-*Norway Funds*. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 20.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li qed jahdem sabiex isiru Triq il-Blata u Triq Sant 'Anna u spjega li se jsiru stimi mill-Periti ta' *Infrastructure* Malta bla hlas u wara jkun jista' jipprezenta l-BOQ lill-Kunsill Konsultattiv responsabbli minn dan il-progett. |
| 20.3.5 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li Triq Birbixkilla se tkun qed issir gdida minn *Infrastructure Malta*. |
| 20.3.6 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li talab lid-Dipartiment tal-Cleansing sabiex jinqatgha l-haxix ta' fejn l-iskola sabiex jitpoggew barriers tal-hadid li gew provduti mill-pulizija sabiex tinzamm aktar ordni u jkun hemm il-prekawzjonijiet necessarji fejn l-iskola. |
| 20.3.7 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li ddiskuta l-pjanta tal-progett tal-parkegg ta' fejn l-iskola ma' Infrastructure Malta u spjega li se jizdiedu aktar parkeggi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li se jipprezenta l-pjanta meta tkun finalizzata ghall-attenzjoni tal-Kunsill. |
| **20.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri** |
| 20.4.1 | Ma kienx hemm. |
| **20.5** | **Rapporti** |
| 20.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l- *Quarterly Financial Report* ghat-tielet kwart tas-Lulju-Settembru 2020 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti ir-rapport gie approvat. |
| 20.5.2 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li jrid jigi diskussi l-*Performance Bonus Appraisal* tal-haddiema assenjata. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-haddiem assenjati kollha jinghataw il-massimu tal-*bonus* u dan ghaliex kulhadd kulhadd wettaq xoghol siewi matul is-sena 2020. |
| 20.5.3 | Il-Kunsillier is-Sur Neil Portelli informa lill-Kunsilliera prezenti li bghat korrispondenza lill- Awtorita responsabbli mill-iskema tal-*Achievers* sabiex id-*deadline* li hija 30 ta' Novembru 2020 tigi posposta minhabba l-pandemija COVID-19. Is-Sur Neil Portelli spjega li diga' kellu diskussjoni mal-Kunsilli li kwalifikaw ghall-istess skema u nforma l-Kunsill li kulhadd tal-istess opinjoni u dan sabiex jigu evitati riskji li jista' jkun hemm bil-pandemija. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti kien hemm qbil unanimu f' dan ir-rigward. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 20.5.4 | F'isem il-Kunsillier is-Sur Christian Pace li ma' setghax ikun prezenti ghal-laqgha tal-llum is-Sindku spjega li l-process tat-tizjin tad-dawl tal-Milied beda u t-Toroq tal-lokal se jinxtghelu fl-1 ta' Dicembru 2020. |
| 20.5.5 | F'isem il-Kunsillier is-Sur Christian Pace li ma' setghax ikun prezenti ghal-laqgha tal-llum, is-Sindku nforma l-Kunsill bil-proposta tal-Kunsillier sabiex issir wirja tal-bambini u presepji fi zmien il-Milied bejn il-5 u t-8 ta' Dicembru 2020 id-Dar tal-Kejka. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-proposta tas-Sur Christian Pace giet approvata. |
| 20.5.6 | Is-Sindku prezenta ir-Rapport ta' Hidma tar-Regjun Xlokk u spjega x'ghajnuna qed tinaghta lill-Kunsilli Lokali li huma fi hdanu sabiex kull Kunsill jiggwadanja jew jiffranka l-flus. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Regjun se jkun qed jaghti 1,000Eur lill-Kunsilli ghat-tizjijn tal-Milied fit-toroq tal-lokalita' u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex isir ornament tal-Milied quddiem ir-Regjun Xlokk bhal ringrazjament. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti il-proposta tas-Sindku giet approvata. |
| 20.5.7 | Is-Sindku prezenta l-formola tal- *Board Resolution* tal- Bank Of Valletta u talab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera prezenti sabiex is-Segretarju Ezekuttiv tkun awtorizzata u moghtija s-setgha sabiex tiffirma s-SEPA *Credit Transfer Agreement* tal-Bank Of Valletta.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti t-talba tas-Sindku giet approvata. |
| **20.6** | **Mozzjonijiet** |
| 20.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **20.7** | **Talba ghall- Toroq godda minn *Infrastructure Malta*** |
| 20.7.1 | Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera prezenti jekk jaqblux li ssir talba lill-*Infrastructure* Malta sabiex xi toroq fil-lokalita' isiru mill-gdid. Is-Sindku semma b'mod partikolari Triq Sant'Antnin, Triq Manuel Buhagiar, Triq Santu Wistin, Triq Lampuka u Triq it-Tarzna. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-proposta tas-Sindku giet approvata. |



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| **20.8** | **Laqgha Annwali Generali 2020** |
| 20.8.1 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li trid tinzamm il-Laqgha Annwali Generali 2020 qabel il-15 ta' Dicembru 2020 hekk kif titlob il-ligi u talab sabiex tigi diskussa d-data, l-hin u l-post. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prexenti gie deciz li l-Laqgha Annwali Generali 2020 tinzamm nhar il-Gimgha 4 ta' Dicembru 2020 fis-7.00pm fis-sala Dar Nazzareth u jittiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega minhabba l-pandemija, kif indikat mill-Awtoritajiet tas-sahha. |
| **20.9** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 20.9.1 | Is-Sindku nforma l-Kunsilliera prezenti li l-Kuntrattur il-gdid tat-*Tender* tal-knis iffirma l-kuntratt u beda l-hidma tieghu mal-Kunsill Lokali fit-2 ta' Novembru 2020. |
| **20.10** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 20.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali is-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 16/08) flimkien mal-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Ottubru 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 20.10.2 | Fuq mozzjoni ta' Sa Darlene Vella Zammit ssekondata minn Sa Anabelle Marmara l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **20.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 20.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.25p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 4 ta' Dicembru 2020 fil-5:30p.m. |

Konfermati, illum 4 ta' Novembru 2020.

**Joseh Abela Galea**
Sindku

**Emma Vella**
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR – JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR – DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS – NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY – EMMA VELLA*

**ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL**

**DISPOSAL OF ASSETS**

**COUNCIL MEETING 21/2020 - 4TH December 2020**

| CODE | ITEM DESCRIPTION / MODEL | QUANTITY | COST |
|---|---|---|---|
| N/A | Fujitsu Computers Siemens 16" Monitor | 1 | N/A |
| | | | |
| | KN218L Electric Lamp | 1 | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |
| | | | |

| | |
|---|---|
| **TOTAL ITEMS DEPOSITED** | 2 |

Fujitsu Computers. Siemens 16" monitor






KN 218L electric lamp.